



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.7.2020
COM(2020) 320 final

2020/0141 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni 2008/376/KE dwar l-adozzjoni tal-Programm ta' Riċerka tal-Fond Ewropew għar-Riċerka dwar il-Faħam u l-Azzar u dwar il-linji gwida tekniċi pluriennali għal dan il-programm

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-għan ta' din il-proposta huwa li tiġi emendata d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/376/KE¹ sabiex din tiġi allinjata “mal-għanijiet xjentifiċi, teknoloġiċi u politiċi tal-Komunità” skont l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/376/KE stess. F'aktar dettall, il-proposta preżenti għandha l-objettiv li tirrevedi l-objettivi tar-riċerka dwar il-faħam u l-azzar tal-Programm tar-Riċerka tal-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar (“Il-Programm tar-Riċerka RFCS”). Il-proposta qieset ir-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-rapport ta' monitoraġġ u ta' valutazzjoni tal-Fond ta' Riċerka dwar il-Faħam u l-Azzar (RFCS) (2011-2017)² kif ukoll il-parir tal-Gruppi Konsultattivi għall-Faħam u l-Azzar³ u tal-Istati Membri rrappreżentati fil-Kumitat għall-Faħam u l-Azzar⁴.

Din il-proposta tal-Kummissjoni għandha l-għan li tagħmel il-Programm tar-Riċerka RFCS konformi mal-Ftehim ta' Pariġi⁵, mal-Patt Ekoloġiku Ewropew⁶ tal-Kummissjoni, il-Komunikazzjonijiet dwar il-Pjan ta' Investiment għal Ewropa Sostenibbli⁷, mal-Pjan ta' Azzjoni Ġdid għal Ekonomija Ċirkolari⁸ u mal-Istrateġija Industrijali għall-Ewropa Ġdida tal-Kummissjoni⁹.

Il-proposta għandha l-għan li:

- Taġġorna l-objettivi tar-riċerka dwar il-faħam f'konformità mal-miri tal-klima, tal-enerġija u tal-ambjent tal-Kummissjoni. Għandha wkoll l-għan li tikseb in-newtralità tal-karbonju sal-2050 u l-prinċipju “tagħmel l-ebda ħsara” li jinsab fil-Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew.
- Tappoġġa tranżizzjoni ekwa u ġusta għar-reġjuni tal-faħam f'konformità mal-prinċipji tal-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta.
- Tirrevedi l-objettivi tar-riċerka dwar l-azzar sabiex jiġu prijoritizzati t-teknoloġiji, l-applikazzjonijiet u l-użi tal-produzzjoni tal-azzar b'emissjonijiet ta' karbonju ta' kważi żero.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/376/KE tad-29 ta' April 2008 dwar l-adozzjoni tal-Programm ta' Riċerka tal-Fond ta' Riċerka tal-Faħam u l-Azzar u dwar il-linji gwida tekniċi pluriennali għal dan il-programm (ĠU L 130, 20.5.2008, p. 7).

² Disponibbli fis-sit web li ġej: https://ec.europa.eu/info/publications/research-fund-coal-and-steel-monitoring-and-assessment-report_mt

³ Il-Grupp Konsultattiv dwar il-Faħam u l-Grupp Konsultattiv dwar l-Azzar ipprovdew il-kummenti tagħhom fit-3 u l-4 ta' Diċembru 2019 rispettivament. L-informazzjoni hija disponibbli fir-Reġistru tal-Gruppi ta' Esperti tal-Kummissjoni: <https://ec.europa.eu/transparency/regexpert/index.cfm?do=groupDetail.groupMeeting&meetingId=18626>

⁴ Il-Kumitat tal-Faħam u tal-Azzar approva l-approċċ propost fid-19 ta' Diċembru 2019.

⁵ Trattat Multilaterali, Kapitolu XXVII Ambjent, 7.d, il-Ftehim ta' Pariġi. Daħal fis-seħħ fl-4 ta' Novembru 2016.

⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea “Il-Patt Ekoloġiku Ewropew”, Brussell, il-11 ta' Diċembru 2019, COM(2019) 640.

⁷ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea “Il-Pjan ta' Investiment għal Ewropa Sostenibbli. Il-Pjan ta' Investiment għall-Patt Ekoloġiku Ewropew” Brussell, l-14 ta' Jannar 2020, COM(2020) 21.

⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea “Pjan ta' Azzjoni Ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari”, Brussell, il-11 ta' Marzu 2020, COM(2020) 98.

⁹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea “Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa”, Brussell, l-10 ta' Marzu 2020, COM(2020) 102.

- Tipprevedi l-possibbiltà li tiġi implimentata parti mill-Programm tar-Riċerka RFCS permezz ta' Sħubijiet Ewropej koprogrammati.
- Tissostitwixxi reġim speċjali għall-esperti skont il-programm qafas tar-riċerka permezz tar-regoli ġenerali dwar l-esperti esterni mħallsa stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju¹⁰.
- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-politika**

Il-proposta hija parti minn pakkett legali li jirrevedi l-Programm tar-Riċerka RFCS. B'mod partikolari, hija marbuta mal-proposti tal-Kummissjoni biex tiġi emendata d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/76/KE¹¹ li tistabbilixxi l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni tal-Protokoll (Nru 37)¹² u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/77/KE¹³ li tistabbilixxi l-linji gwida finanzjarji multiannwali għall-amministrazzjoni tal-assi tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA) f'likwidazzjoni u, mat-twettiq tal-likwidazzjoni, l-Assi tal-RFCS. Ir-reviżjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/77/KE, taħt ir-responsabbiltà tal-Baġit tad-Direttorat-Ġenerali, hija wkoll konsistenti mar-Reviżjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri tal-2019 dwar l-istralċ tal-KEFA¹⁴.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Fil-11 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni Ewropea adottat il-Komunikazzjoni "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"¹⁵ li tistabbilixxi l-qafas biex l-UE ssir l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sal-2050. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jindirizza l-isfidi klimatiċi u ambjentali filwaqt li jiżviluppa ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva, fil-qafas tal-Aġenda 2030 u tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti¹⁶.

Il-Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew tagħmel enfasi fuq l-interess tal-Kummissjoni li "se tappoġġja teknoloġiji rivoluzzjonarji tal-azzar nodfa li jwasslu għal proċess ta' tfassil tal-azzar mingħajr emissjonijiet tal-karbonju sal-2030 u (...) tesplora jekk tkunx tista' tintuża parti mill-finanzjament li qed jiġi likwidat taħt il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar. B'mod aktar ġenerali, il-Fond ta' Innovazzjoni tas-Sistema tal-UE għan-Negozjar tal-Emissjonijiet se jgħin biex jiġu skjerati tali proġetti fuq skala kbira"¹⁷.

¹⁰ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

¹¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/76/KE tal-1 ta' Frar 2003 li tistabbilixxi l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni tal-Protokoll, anness mat-Trattat li tistabbilixxi l-Komunità, fuq il-konsegwenzi finanzjarji tad-data tal-għeluq tat-Trattat tal-KEFA u fuq il-Fond tar-Riċerka tal-Faħam u l-Azzar, ĠU L 29, 5.2.2003. Emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2018/599 tas-16 ta' April 2018.

¹² Il-Protokoll (Nru 37) dwar il-konsegwenzi finanzjarji tal-iskadenza tat-Trattat tal-KEFA u dwar il-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar, ĠU C 115, 9.5.2008, p. 327-328.

¹³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/77/KE tal-1 ta' Frar 2003 li tistabbilixxi linji gwida finanzjarji multiannwali għall-amministrazzjoni tal-assi tal-KEFA f'likwidazzjoni u, mat-twettiq tal-likwidazzjoni, l-Assi tal-Fond ta' Riċerka għall-Faħam u l-Azzar, ĠU L 29, 5.2.2003, p. 25-27. Emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/750/KE.

¹⁴ Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, "Rieżami Nru 10/2019: Il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar: l-istralċ għaddej kif ippjanat, iżda l-finanzjament għar-riċerka ma għadux sostenibbli", 2019. Disponibbli fuq: https://www.eca.europa.eu/lists/ecadocuments/rw19_10/rw_ecsc_mt.pdf

¹⁵ COM(2019) 640

¹⁶ <https://sustainabledevelopment.un.org/post2015/transformingourworld>

¹⁷ COM(2019) 640, p. 8, 9.

Barra minn hekk, il-Komunikazzjoni “Il-Pjan ta’ Investiment għall-Patt Ekoloġiku Ewropew. Il-Pjan ta’ Investiment għal Ewropa Sostenibbli”, ippreżentata fl-14 ta’ Jannar 2020, impenjat lill-Kummissjoni biex “tipproponi revizzjoni tar-Regolamenti dwar il-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar sabiex tippermetti l-użu ta’ parti mill-assi tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar f’likwidazzjoni. Dan se jgħin biex jinżamm il-Programm Annwali ta’ Riċerka RFCS¹⁸ ta’ mill-inqas EUR 40 miljun kif ukoll biex ikun jista’ jsir il-finanzjament ta’ proġetti kbar ta’ riċerka u innovazzjoni tal-produzzjoni nadifa tal-azzar. L-attivitajiet ta’ riċerka fis-settur tal-faħam se jiffukaw fuq ir-reġjuni fi tranżizzjoni f’konformità mal-prinċipji tal-Mekkaniżmu ta’ Tranżizzjoni Ġusta”¹⁹.

Il-proposta preżenti hija wkoll konformi mal-Komunikazzjoni tal-2018 “Pjaneta Nadifa għal Kulħadd”²⁰, li tistabbilixxi l-viżjoni strateġika fit-tul tal-Kummissjoni Ewropea għal ekonomija newtrali għall-klima, skont il-Ftehim ta’ Pariġi. Din il-Komunikazzjoni pprevediet li l-Kummissjoni se tesplora kif l-assi f’likwidazzjoni tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar jistgħu jappoġġaw it-teknoloġiji rivoluzzjonarji għall-produzzjoni tal-azzar b’emissjonijiet baxxi tal-karbonju. Fl-4 ta’ Marzu 2020, il-Kummissjoni adottat Proposta għal Liġi Ewropea dwar il-Klima, li tinkludi l-mira legalment vinkolanti ta’ emissjonijiet tal-gassijiet serra żero netti sal-2050 fl-UE²¹.

Din ir-reviżjoni tqis ukoll il-ħtieġa li jiġi ġġenerat investiment privat u pubbliku fir-riċerka u l-innovazzjoni u f’teknoloġiji ġodda li jiżviluppaw soluzzjonijiet għal industrija aktar kompetittiva u sostenibbli, kif tenfasizza l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2016 “Azzar: Iż-żamma tal-impjiegi sostenibbli u t-tkabbir fl-Ewropa”²².

Fid-dawl tal-iżvilupp tal-politika msemmi hawn fuq, huwa meħtieġ li jiġu armonizzati l-oġettivi tal-Programm ta’ Riċerka RFCS u l-linji gwida tekniċi pluriennali tiegħu mal-iżviluppi ta’ politika msemmija hawn fuq, u b’mod partikolari mal-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika hija t-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tal-Protokoll (Nru 37) dwar il-konsegwenzi finanzjarji tal-iskadenza tat-Trattat tal-KEFA u dwar il-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar, anness mat-Trattati.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

L-emendi proposti għall-Programm ta’ Riċerka RFCS jistgħu jsiru biss fil-livell tal-UE, permezz tar-reviżjoni tal-bażi ġuridika.

¹⁸ Tirrispetta l-Protokoll (Nru 37) dwar il-konsegwenzi finanzjarji tal-iskadenza tat-Trattat tal-KEFA u dwar il-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar. ĠU C 115, 9.5.2008, p. 327-328.

¹⁹ COM(2020) 21, p. 18.

²⁰ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, “Pjaneta Nadifa għal Kulħadd. Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima”, COM(2018) 773.

²¹ Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1999 (il-Liġi Ewropea dwar il-Klima)

²² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, “Azzar: Iż-żamma tal-impjiegi sostenibbli u t-tkabbir fl-Ewropa”, COM(2016) 155.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta hija meħtieġa biex jiġu stabbiliti l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni tal-Protokoll, anness mat-Trattati tal-UE, dwar il-konsegwenzi finanzjarji tal-iskadenza tat-Trattat tal-KEFA u dwar il-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar.

- **Għażla tal-istrument**

Fir-rigward tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tal-Protokoll (Nru 37), id-Deċizzjoni tal-Kunsill 2008/376/KE tista' tiġi emendata mill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta tal-Kummissjoni u wara li jiġi kkonsultat il-Parlament Ewropew.

3. **RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX-POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet ex-post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Il-proposta hija bbażata fuq ir-riżultati tar-rapport ta' seba' snin, li jwettaq eżerċizzju ta' monitoraġġ tal-Programm ta' Riċerka RFCS, li jinkludi valutazzjoni tal-benefiċċji mistennija, bl-assistenza ta' panel ta' esperti kwalifikati²³. L-aħħar rapport ta' seba' snin ġie ppubblikat fil-5 ta' Frar 2020²⁴. L-esperti analizzaw il-funzjonament tal-Programm ta' Riċerka RFCS, ivvalutaw l-iżviluppi teknoloġiċi u l-benefiċċji mistennija tal-programm għas-settur u s-soċjetà, u ħarġu b'rakkomandazzjonijiet għat-titjib tal-programm, li jinkludu reviżjoni tal-bażi ġuridika.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-partijiet ikkonċernati tal-RFCS ġew involuti f'diversi laqgħat *ad hoc*, laqgħat speċifiċi tal-Grupp Konsultattiv (il-Grupp Konsultattiv dwar il-Faħam - CAG, il-Grupp Konsultattiv dwar l-Azzar - SAG) u laqgħat tal-COSCO (ekwivalenti għall-Kumitat tal-Programm f'Orizzont 2020).

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Ir-riżultati preliminari tar-rapport ta' monitoraġġ u ta' validazzjoni tal-RFCS preżenti ġew spjegati fis-seminar "Steel and Coal: A New Perspective. European Research and Innovation in Action" ospitat mill-Kummissjoni Ewropea fit-28 ta' Marzu 2019 fejn kienu preżenti aktar minn 100 parti kkonċernata²⁵.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhijiex meħtieġa valutazzjoni tal-impatt għar-reviżjoni proposta.

²³ Ir-rapport ta' monitoraġġ u valutazzjoni huwa previst fid-dispożizzjonijiet stipulati fid-Deċizzjoni tal-Kunsill Nru 2008/376/KE ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-20 ta' Mejju 2008 bir-referenza ĠU L 130/7 u emendat mid-Deċizzjoni tal-Kunsill 2017/955 tad-29 ta' Mejju 2017. Dan il-grupp ta' esperti huwa previst f'C(2018) 3245 tat-30.5.2018 – id-Deċizzjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-30.5.2018.

²⁴ Disponibbli fis-sit web li ġej: https://ec.europa.eu/info/publications/research-fund-coal-and-steel-monitoring-and-assessment-report_mt

²⁵ Id-DĠ RTD tal-Kummissjoni Ewropea, "Steel and Coal: European Research and Innovation in Action", 2019. Disponibbli online: <https://publications.europa.eu/s/mmQ7>

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-proposta hija bbażata fuq ir-riżultati tar-rapport ta' seba' snin ta' monitoraġġ u ta' validazzjoni tal-RFCS, li jipprevedi rieżami regolari tal-Programm ta' Riċerka RFCS, li jinkludi valutazzjoni tal-benefiċċji mistennija.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta hi konformi mal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma toħloq l-ebda obligazzjoni ġdida li għandha titħallas mill-Baġit Ġenerali permezz tal-QFP attwali.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Se jitwettqu monitoraġġ u valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-programm RFCS fl-2027.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Ir-reviżjoni tirrigwarda d-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-Kapitolu II, it-Taqsimiet 1, 3 u 4 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/376/KE (l-Artikolu 2 u l-Artikoli 4 sa 10). Ir-reviżjoni tipproponi wkoll li jiġu aġġornati l-Artikoli 28, 39 u 41. Fl-aħħar nett, qed jiġi propost li jiżdied Artikolu 17a ġdid fost l-attivitajiet eliġibbli stabbiliti fil-Kapitolu III, it-Taqsima 2.

Ir-reviżjoni hija maħsuba biex:

- taġġorna l-oġġettivi tar-riċerka dwar il-faħam (l-Artikoli 4, 5, 6, 7) f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Mekkaniżmu tat-Tranżizzjoni Ġusta;
- taġġorna l-oġġettivi tar-riċerka dwar l-azzar (l-Artikoli 8, 9, 10 u 10a) f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Pjan ta' Investiment għal Ewropa Sostenibbli;
- iddaħħal Artikolu 17a ġdid fost l-attivitajiet eliġibbli tal-Programm ta' Riċerka RFCS sabiex tinkludi l-attivitajiet ta' riċerka taħt l-isħubijiet Ewropej koprogrammati fost l-attivitajiet eliġibbli li jistgħu jiġu ffinanzjati. Sħubijiet bħal dawn jistgħu b'mod speċjali jappoġġaw ir-riċerka fis-settur tal-azzar billi jiżviluppaw proċessi ta' produzzjoni tal-azzar b'emissjonijiet tal-karbonju ta' kważi żero sal-2030, u permezz ta' titjib fid-dimostraturi ta' dawn it-teknoloġiji fil-livell industrijali;
- tirrevoka referenza għall-konsultazzjoni tal-Kumitat (l-Artikoli 28 u 41) fejn l-ammont stmat tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni Ewropea skont il-Programm ta' Riċerka RFCS ikun EUR 0,6 miljun jew aktar;
- tagħmel applikabbli r-regoli ġenerali dwar l-esperti esterni mħallsa stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju, minflok reġim speċjali għall-esperti skont il-programm qafas ta' riċerka;
- tirrevoka referenza għall-possibbiltà li jiġu emendati t-Taqsimiet 3 u 4 tal-Kapitolu II permezz ta' miżuri ta' implimentazzjoni (l-Artikolu 41), sabiex jiġu applikati *mutatis*

mutandis il-prinċipji applikabbli għas-setgħat mogħtija f'atti leġiżlattivi li huma stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-18 ta' Ġunju 2019 dwar il-kriterji mhux vinkolanti għall-applikazzjoni tal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea²⁶.

²⁶

Kriterji Mhux Vinkolanti għall-applikazzjoni tal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea — it-18 ta' Ġunju 2019 (ĠU C 223, 3.7.2019, p. 1-4).

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni 2008/376/KE dwar l-adozzjoni tal-Programm ta' Riċerka tal-Fond Ewropew għar-Riċerka dwar il-Faħam u l-Azzar u dwar il-linji gwida tekniċi pluriennali għal dan il-programm

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Protokoll (Nru 37) dwar il-konsegwenzi finanzjarji tal-iskadenza tat-Trattat tal-KEFA u dwar il-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew²⁷,

Billi:

- (1) Fil-5 ta' Ottubru 2016, l-Unjoni rratifikat il-Ftehim ta' Pariġi²⁸. Dan il-ftehim internazzjonali jistieden lill-partijiet li rratifikawh biex isaħħu r-rispons globali għat-theddida tat-tibdil fil-klima ħalli jillimitaw iż-żieda fit-temperatura għal ferm inqas minn żewġ gradi.
- (2) F'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi, fil-11 ta' Diċembru 2019 il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" li jimpenja lill-Kummissjoni biex "tindirizza l-isfidi relatati mal-klima u l-ambjent" u "tittrasforma l-UE f'soċjetà ġusta u prospera, b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva fejn ma jkunx hemm emissjonijiet netti ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-2050 u fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi"²⁹. Il-Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew, li tistabbilixxi strateġija ta' tkabbir ġdida, tħabbar il-hteġa li jiġu appoġġati teknoloġiji rivoluzzjonarji tal-azzar nodfa, li jwasslu għal proċess ta' tfassil tal-azzar mingħajr emissjonijiet tal-karbonju sal-2030 u tesplora jekk tistax tintuża parti mill-finanzjament likwidat taħt il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar. Il-Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku tgħid ukoll li "l-azzjonijiet u l-politiki kollha tal-UE għandhom jiġbdu ħabel wieħed biex l-UE tikseb tranżizzjoni ġusta u li tkun suċċess lejn futur sostenibbli". F'konformità mal-prinċipju "tagħmilx ħsara", li jinsab fil-Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-oġettivi tar-riċerka tal-Programm ta' Riċerka RFCS qed jiġu riveduti, sabiex ma jibqgħux ikopru l-attivitajiet li jkomplu jipperpetwaw l-estrazzjoni, l-ipproċessar u l-użu mhux imnaqqas tal-faħam.
- (3) L-Unjoni qed issegwi politika ambizzjuża dwar l-azzjoni klimatika u daħħlet fis-seħħ qafas regolatorju biex tikseb il-mira tagħha tat-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet

²⁷ ĠU C , , p. .

²⁸ Trattat Multilaterali, il-Kapitolu XXVII Ambjent, 7.d, il-Ftehim ta' Pariġi. Daħal fis-seħħ fl-4 ta' Novembru 2016.

²⁹ COM(2019) 640, p. 2.

serra għall-2030. B'mod partikolari, ir-Regolament (UE) 2018/1999³⁰ jistabbilixxi l-bażi leġislattiva għal governanza affidabbli, inklużiva, kosteffiċjenti, trasparenti u prevedibbli tal-Unjoni tal-Enerġija u l-Azzjoni Klimatika (mekkaniżmu ta' governanza), li tiżgura l-kisba tal-oġġettivi u l-miri tal-2030 u dawk fit-tul tal-Unjoni tal-Enerġija f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 dwar it-tibdil fil-klima.

- (4) Fil-Komunikazzjoni tagħha “Il-Pjan ta' Investiment għal Ewropa Sostenibbli. Il-Pjan ta' Investiment għall-Patt Ekoloġiku Ewropew”, il-Kummissjoni ħabbet l-intenzjoni tagħha li tipproponi reviżjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/376/KE³¹ wkoll bil-għan li tippermetti l-finanzjament ta' proġetti rivoluzzjonarji kbar tar-R&I fil-produzzjoni nadifa tal-azzar kif ukoll attivitajiet ta' riċerka fis-settur tal-faħam f'konformità mal-prinċipji tal-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta.
- (5) Barra minn hekk, ir-rapport dwar il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-Programm tar-Riċerka tal-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar (“il-Programm ta' Riċerka”) jirrakkomanda li jiġu emendati l-oġġettivi tar-riċerka dwar il-faħam u l-azzar stabbiliti fit-Taqsimiet 3 u 4 tal-Kapitolu II tad-Deċiżjoni 2008/376/KE u li tiġi appoġġata r-riċerka rivoluzzjonarja fis-settur tal-azzar kif ukoll proġetti emblematiċi fis-settur tal-faħam.
- (6) Għalhekk, huwa meħtieġ li l-oġġettivi tal-Programm ta' Riċerka RFCS jiġu allinjati mal-oġġettivi internazzjonali, bħall-Ftehim ta' Pariġi, kif ukoll mal-oġġettivi xjentifiċi, teknoloġiċi u politiċi tal-Unjoni dwar in-newtralità tal-klima sal-2050.
- (7) L-isħubijiet koprogrammati wrew li huma effettivi biex jiġbru flimkien ir-riżorsi għal oġġettiv Ewropew komuni tar-riċerka. Bħala għajnuna sabiex tinkiseb ekonomija newtrali għall-klima sal-2050, huwa meħtieġ li tiġi stabbilita l-possibbiltà li jingħata appoġġ permezz tas-sħubijiet Ewropej koprogrammati, flimkien ma' programmi oħra u f'sekwenza magħhom. Sħubija Ewropea tista' tkun strument ideali biex jinġabru r-riżorsi għall-appoġġ tar-riċerka dwar teknoloġiji rivoluzzjonarji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO₂ fis-settur tal-industrija tal-azzar.
- (8) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2008/376/KE tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2008/376/KE hija emendata kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 2, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Il-Programm ta' Riċerka għandu jipprovdi appoġġ għar-riċerka kollaborattiva fis-setturi tal-faħam u l-azzar. Il-Programm ta' Riċerka għandu jipprovdi wkoll appoġġ għal teknoloġiji rivoluzzjonarji tal-azzar li jwasslu għal proġetti tal-produzzjoni tal-azzar b'emissjonijiet ta' karbonju ta' kważi żero u proġetti ta' riċerka għall-ġestjoni tat-tranżizzjoni ġusta ta' minjieri tal-faħam li kienu joperaw qabel jew minjieri tal-faħam fil-proċess tal-ġheluq u l-infrastruttura relatata magħhom f'konformità mal-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta u mal-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/76/KE. Il-Programm ta' Riċerka għandu jkun konsistenti mal-oġġettivi xjentifiċi, teknoloġiċi u politiċi tal-Unjoni, u għandu jikkumplimenta l-attivitajiet

³⁰ ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1-77.

³¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/376/KE tad-29 ta' April 2008 dwar l-adozzjoni tal-Programm ta' Riċerka tal-Fond ta' Riċerka tal-Faħam u l-Azzar u dwar il-linji gwida tekniċi pluriennali għal dan il-programm (ĠU L 130, 20.5.2008, p. 7).

imwettqa fl-Istati Membri u fi ħdan il-programmi eżistenti ta' riċerka tal-Komunità, partikolarment bħalma huwa l-programm qafas dwar ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'il-Programm Qafas ta' Riċerka').”;

(2) L-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 4

Appoġġ għat-tranżizzjoni ġusta tas-settur tal-faħam u tar-ġejuni

1. Il-proġetti ta' riċerka għandhom jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija tal-Unjoni newtrali għall-klima sal-2050, bl-oġġettiv li tiġi appoġġata l-eliminazzjoni gradwali tal-karburanti fossili, biex jiġu żviluppati attivitajiet alternattivi fis-siti li qabel kienu minjieri u biex tiġi evitata jew titreġġa' lura l-ħsara ambjentali tal-minjieri tal-faħam fil-proċess tal-għeluq, tal-minjieri tal-faħam li kienu joperaw qabel u tal-madwar tagħhom. Il-proġetti għandhom jiffokaw partikolarment fuq:
 - (a) l-iżvilupp u l-ittestjar tat-teknoloġiji għall-qbid, l-użu u l-ħżin tad-diossidu tal-karbonju;
 - (b) l-użu tal-enerġija ġeotermali fuq siti li qabel kienu tal-faħam;
 - (c) l-użi mhux enerġetiċi u l-produzzjoni ta' materja prima minn skart tal-minjieri u residwi minn minjieri tal-faħam li kienu joperaw qabel jew minn dawk fil-proċess tal-għeluq, filwaqt li jiġi vvalutat kif xieraq li l-impatt klimatiku, ambjentali u tas-saħħa tagħhom jiġi minimizzat u jkun aktar baxx minn soluzzjonijiet alternattivi;
 - (d) l-ġoti ta' skop mill-ġdid lil dawk li qabel kienu minjieri tal-faħam u tal-linġite kif ukoll lill-infrastrutturi marbuta mal-faħam, inkluż is-servizzi tal-provvista tal-elettriku, f'konformità ma' tranżizzjoni newtrali għall-klima u li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent;
 - (e) il-promozzjoni tal-iżvilupp ta' programmi effiċjenti ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet għax-xogħol affettwat mill-eliminazzjoni gradwali tal-faħam. Dan jinkludi riċerka dwar it-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol impjegata jew li kienet impjegata qabel fis-settur tal-faħam.
2. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lit-tisħiħ tat-tmexxija Ewropea fil-ġestjoni tat-tranżizzjoni tal-minjieri tal-faħam li kienu joperaw qabel u tal-infrastruttura marbuta mal-faħam permezz ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi u mhux teknoloġiċi, li tappoġġa t-trasferiment teknoloġiku u mhux teknoloġiku. L-attivitajiet ta' riċerka b'dawn l-oġġettivi għandhom jippreżentaw benefiċċji tanġibbli għall-klima u għall-ambjent f'konformità mal-oġġettiv tan-newtralità tal-klima sal-2050.”;

(3) L-Artikolu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 5

Intejbu s-saħħa u s-sikurezza

Il-kwistjonijiet dwar is-sikurezza tal-minjieri tal-faħam fil-proċess tal-għeluq u tal-minjieri tal-faħam li kienu joperaw qabel, bil-ħsieb li jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol, is-saħħa u

s-sikurezza okkupazzjonali, kif ukoll il-kwistjonijiet ambjentali li jagħmlu ħsara lis-saħħa, għandhom jitqiesu fil-proġetti li jkopru l-attivitajiet imsemmija fl-Artikoli 4 u 6.

Il-proġetti ta' riċerka għandhom jiffokaw fuq il-mard marbut mal-attivitajiet tal-estrazzjoni bl-għan li titjeb is-saħħa tan-nies li jgħixu f'reġjuni tal-faħam fi tranżizzjoni. Il-proġetti ta' riċerka għandhom jiżguraw ukoll li jkun hemm miżuri protettivi waqt l-għeluq tal-minjieri u f'minjieri li kienu joperaw qabel.”;

(4) L-Artikolu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 6

Minimizzar tal-impatti ambjentali fil-minjieri tal-faħam fi tranżizzjoni

1. Il-proġetti ta' riċerka għandhom ifittxu li jimminimizzaw l-impatti fuq l-ambjent, l-ilma u l-ħamrija tal-minjieri tal-faħam fil-proċess tal-għeluq u tal-minjieri li kienu joperaw qabel. Ir-riċerka għandha tkun immirata lejn il-preżervazzjoni u r-restawr tar-riżorsi naturali għall-ġenerazzjonijiet futuri u l-minimizzar tal-impatt ambjentali tal-minjieri tal-faħam fil-proċess tal-għeluq u f'minjieri li kienu joperaw qabel.
2. Għandha tingħata preferenza lil proġetti li jipprevedu waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:
 - (a) teknoloġiji ġodda u mtejbja biex jiġi evitat it-tniġġis ambjentali, inkluż it-tnixxija tal-metan, tal-minjieri tal-faħam fil-proċess tal-għeluq, tal-minjieri tal-faħam li kienu joperaw qabel u tal-madwar tagħhom (fost l-oħrajn l-atmosfera, l-art, il-ħamrija u l-ilma);
 - (b) il-qbid, l-evitar u t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, b'mod partikolari l-metan, mid-depożiti tal-faħam fil-proċess tal-għeluq;
 - (c) il-ġestjoni u l-użu mill-ġdid ta' skart tal-minjieri, irmied li jtir u prodotti ta' desulfurizzazzjoni minn minjieri tal-faħam fil-proċess tal-għeluq u minn minjieri tal-faħam li kienu joperaw qabel, flimkien ma' forom oħra ta' skart, fejn rilevanti;
 - (d) is-sistemazzjoni tal-munzelli tal-iskart u l-użu ta' residwi industrijali mill-produzzjoni u l-konsum tal-faħam f'reġjuni tal-faħam fi tranżizzjoni;
 - (e) il-protezzjoni tal-wiċċ tal-ilma ta' taħt l-art u t-tisfija tal-ilma tad-drenaġġ tal-minjieri;
 - (f) ir-restawr tal-ambjent ta' dawk li kienu installazzjonijiet jew tal-installazzjonijiet li huma fil-proċess tal-għeluq li kienu jużaw il-faħam, u l-madwar tagħhom, speċifikament l-ilma, l-art, il-ħamrija u l-bijodiversità;
 - (g) il-protezzjoni tal-infrastruttura fuq wiċċ l-art kontra l-effetti taċ-ċediment tal-art f'terminu qasir u twil.”;

(5) L-Artikolu 7 jitħassar.

(6) L-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 8

Proċessi ġodda, sostenibbli u b’livell baxx ta’ karbonju għall-produzzjoni u l-finitura tal-azzar

Ir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (RŻT) għandu jkollhom l-għan li jiżviluppaw, juru u jtejbu l-proċessi ta’ produzzjoni tal-azzar b’emissjonijiet tal-karbonju ta’ kważi żero bil-ħsieb li tittejjeb il-kwalità tal-prodott u tiżdied il-produttività. It-tnaqqis sostanzjali tal-emissjonijiet, tal-konsum tal-enerġija, l-impronta tal-karbonju u impatti ambjentali oħra kif ukoll il-konservazzjoni tar-riżorsi, għandhom jiffurmaw parti integrali mill-attivitajiet imfittxija. Il-proġetti ta’ riċerka għandhom jindirizzaw wieħed jew aktar mill-oqsma li ġejjin:

- (a) proċessi u operazzjonijiet ġodda u mtejbja tal-produzzjoni tal-ħadid u tal-azzar b’emissjonijiet tal-karbonju ta’ kważi żero, b’attenzjoni partikolari għall-evitar dirett tal-karbonju u/jew għall-użu intelliġenti tal-karbonju;
- (b) l-ottimizzazzjoni tal-proċess u tal-katina tal-proċess tal-azzar (inkluż il-produzzjoni tal-ħadid u tal-azzar, il-proċessi bbażati fuq it-tidwib tar-ruttam tal-metall irriċiklat, il-metallurġija sekondarja, l-iffundar, l-operazzjonijiet ta’ rrolljar, finitura u/jew ta’ kisi) permezz tal-istrumentazzjoni, tad-detezzjoni tal-proprjetajiet ta’ prodotti intermedji u finali, l-immudellar, il-kontroll u l-awtomazzjoni inkluż id-diġitalizzazzjoni, l-applikazzjoni tal-Big Data, u/jew l-intelliġenza artifiċjali u kwalunkwe teknoloġija avvanzata oħra;
- (c) l-integrazzjoni tal-proċess tal-azzar u l-effiċjenza tal-proċess fil-produzzjoni tal-azzar b’emissjonijiet tal-karbonju ta’ kważi żero;
- (d) il-manutenzjoni u l-affidabilità tal-għodod tal-produzzjoni tal-azzar;
- (e) tekniki li jżidu r-riċiklabilità, ir-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid tal-azzar u l-iżvilupp ta’ ekonomija ċirkolari;
- (f) tekniki li jżidu l-effiċjenza enerġetika tal-produzzjoni tal-azzar permezz tal-irkupru ta’ sħana residwa, il-prevenzjoni tat-telf tal-enerġija, it-tekniki tat-tisħin ibridi u s-soluzzjonijiet tal-ġestjoni tal-enerġija;
- (g) teknoloġiji u soluzzjonijiet innovattivi għall-proċessi tal-produzzjoni tal-ħadid u tal-azzar li jippromwovu attivitajiet transsettorjali, proġett ta’ dimostrazzjoni li jintegraw produzzjoni tal-enerġija b’emissjonijiet tal-karbonju ta’ kważi żero jew li jikkontribwixxu għal ekonomija tal-idroġenu nadifa.”;

- (7) L-Artikolu 9 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Artikolu 9

Gradi u applikazzjonijiet tal-azzar avvanzati

Ir-RŻT għandhom jiffokaw fuq l-issodisfar tar-rekwiżiti tal-utenti tal-azzar biex jiġu żviluppati prodotti ġodda b’emissjonijiet tal-karbonju ta’ kważi żero u jinfetħu opportunitajiet tas-suq ġodda filwaqt li jitnaqqsu l-emissjonijiet u l-impatti ambjentali. Fil-kuntest tat-teknoloġiji msemmija fl-Artikolu 8, il-proġetti ta’ riċerka għandhom jittrattaw wieħed jew aktar mill-oqsma li ġejjin, bl-oġettiv li jwasslu għal proċessi tal-produzzjoni tal-azzar b’emissjonijiet tal-karbonju ta’ kważi żero fl-Unjoni:

- (a) gradi tal-azzar ġodda u avvanzati;

- (b) titjib fil-proprietajiet tal-azzar bħal proprietajiet mekkaniċi u fiżiċi, idoneità għal ipproċessar ulterjuri, idoneità għal applikazzjonijiet varji, u diversi kundizzjonijiet tax-xogħol;
 - (c) tiżdied il-ħajja tas-servizz tal-prodott, b'mod partikolari billi tiġi żviluppata r-reżistenza tal-azzar u tal-istrutturi tal-azzar għas-sħana u għall-korrużjoni, għar-reħja mekkanika u termali u/jew għal effetti ta' deterjorament oħrajn;
 - (d) mudelli ta' simulazzjoni ta' tbassir dwar il-mikrostrutturi, il-proprietajiet mekkaniċi u l-proċessi ta' produzzjoni;
 - (e) teknoloġiji relatati mal-iffurmar, l-iwweldjar u t-twaħħil tal-azzar u materjali oħrajn;
 - (f) standardizzazzjoni tal-metodi tal-ittestjar u tal-evalwazzjoni;
 - (g) azzar ta' prestazzjoni għolja għal applikazzjonijiet bħall-mobbiltà, inkluż is-sostenibbiltà, il-metodi tal-ekodisinn, il-modifiki retroattivi, id-disinji li jheffu l-piż u/jew is-soluzzjonijiet tas-sikurezza.”;
- (8) L-Artikolu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 10

Il-konservazzjoni tar-riżorsi, protezzjoni tal-ambjent u l-ekonomija ċirkolari

Kemm fil-produzzjoni tal-azzar kif ukoll fl-utilizzazzjoni tiegħu, il-konservazzjoni tar-riżorsi, il-preżervazzjoni tal-ekosistemi, it-transizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u l-kwistjonijiet ta' sikurezza għandhom ikunu parti integrali mill-ħidma tar-RŻT. Il-proġetti ta' riċerka għandhom jindirizzaw wieħed jew aktar mill-oqsma li ġejjin:

- (a) it-tekniki sabiex jiġi rriċiklat l-azzar li ma għadux jintuża u l-prodotti sekondarji minn diversi sorsi u t-titjib tal-kwalità tar-ruttam tal-azzar;
 - (b) it-trattament tal-iskart u tal-irkupru ta' materji primi sekondarji ta' valur, inkluż il-gagazzi, ġol-impjant tal-azzar u barra minnu;
 - (c) il-kontroll tat-tniġġis u l-protezzjoni tal-ambjent fuq il-post tax-xogħol u madwaru u fl-impjant tal-azzar: l-emissjonijiet gassużi, solidi jew likwidi, il-ġestjoni tal-ilma, l-istorbju, l-irwejjaħ, it-trab, eċċ.;
 - (d) id-disinn tal-grad tal-azzar u tal-istrutturi assemblati sabiex jiġi ffaċilitat l-irkupru faċli tal-azzar għar-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid;
 - (e) l-użu ta' gassijiet ta' proċess u l-eliminazzjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet ta' skart mill-produzzjoni tal-azzar;
 - (f) il-valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja u l-ħsieb taċ-ċiklu tal-ħajja għall-produzzjoni u l-użu tal-azzar.”;
- (9) Jiddaħħal Artikolu 10a ġdid:

“Artikolu 10a

Ġestjoni tal-forza tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol

Il-proġetti ta' riċerka għandhom jindirizzaw wieħed jew aktar mill-oqsma li ġejjin:

- (a) l-iżvilupp u t-tixrid tal-kompetenzi biex jinżamm il-pass ma' proċessi ġodda ta' produzzjoni tal-azzar b'emissjonijiet tal-karbonju ta' kważi zero, b'had-diġitalizzazzjoni u biex jiġi rifless il-prinċipju tat-tagħlim tul il-ħajja;
 - (b) it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, inkluż is-saħħa, is-sikurezza u l-ergonomija fil-post tax-xogħol u madwaru.”;
- (10) Jiddaħħal Artikolu 17a ġdid:

“Artikolu 17a

Sħubijiet Ewropej

1. Parti tal-Programm ta' Riċerka tista' tiġi implimentata permezz ta' Sħubijiet Ewropej koprogrammati stabbiliti skont ir-regoli stabbiliti [fl-Artikolu 8 u fl-Anness III tar-Regolament Orizzont Ewropa].
2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, Sħubija Ewropea koprogrammata tfisser inizjattiva mħejjija bl-involviment bikri tal-Istati Membri, fejn l-Unjoni, flimkien ma' sħab privati u/jew pubbliċi (b'hall-industrija, universitajiet, organizzazzjonijiet tar-riċerka, korpi b'missjoni ta' servizz pubbliku fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali jew internazzjonali jew organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili inkluż fondazzjonijiet u NGOs), jimpenjaw ruħhom li jappoġġaw b'mod konġunt l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' programm ta' attivitajiet ta' riċerka. Is-Sħubijiet Ewropej koprogrammati huma stabbiliti abbażi ta' memoranda ta' qbil u/jew arranġamenti kuntrattwali bejn il-Kummissjoni u sħab privati u/jew pubbliċi b'hal dawn li jispeċifikaw l-oġġettivi tas-sħubija, l-impenji relatati għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji u/jew in-natura tas-sħab, l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u tal-impatt, u l-eżiti li għandhom jinkisbu. Dawn jinkludu l-identifikazzjoni ta' attivitajiet ta' riċerka kumplementari u li huma implimentati mis-sħab u mill-Programm ta' Riċerka.
3. Fil-qafas tas-Sħubijiet Ewropej koprogrammati, il-Programm ta' Riċerka jista' jipprovdi finanzjament għall-attivitajiet eliġibbli taħt din it-taqsim, fil-forma prevista skont l-Artikolu 30. Barra minn hekk, jista' jipprovdi finanzjament forma ta' premijijiet.”;

(11) Fl-Artikolu 28, il-paragrafu (4) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar l-għażla tal-proġetti u l-allokazzjoni tal-fondi.”;

(12) L-Artikolu 39 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 39

Ħatra ta' esperti indipendenti u ferm ikkwalifikati

Għall-ħatra ta' esperti indipendenti u ferm ikkwalifikati msemija fl-Artikolu 18, l-Artikolu 28(2) u l-Artikolu 38, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 237 tar-Regolament (UE) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³.”;

³ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).”;

(13) Fl-Artikolu 41, il-punti (a) u (c) jitħassru.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għandha tapplika mid-data ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2003/76/KE jew mill-1 ta' Jannar 2021, skont liema tiġi l-aktar tard.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President